

Izvorna jezična inačica ove stranice [it](#) nedavno je izmijenjena. Naši prevoditelji trenutаčno pripremaju jezičnu inačicu koju vidite.
Swipe to change

talijanski

Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Italija

Din it-taqsimа tagħti ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tal-Italja.

Sluġbeni prijewod nije dostupan u jezičnoj verziji koju tražite.

Ovdje možete pristupiti strojnom prijewodu ovog sadržaja. Imajte na umu da je svrha tog prijewoda samo pružiti kontekst. Vlasnik ove stranice ne prihvaća nikakvu odgovornost ni obvezu u pogledu kvalitete strojno prevedenog teksta.

-----hrvatski-----bugarskišpanjolskičeškiđanskiñemаčkiestonskigrčkiengleskifrancuskilatvijskilitavskimađarskimalteški
nizozemskipoljskiportugalskirumunjskislovačkislovenskifinskišvedski

X'għandu x'joffri r-reġistru tal-Artijiet Taljan?

Ir-Reġistru tal-Artijiet Taljan jinżamm mill-**Agenzia del Territorio**, entità pubblika mhux ekonomika li topera taħt il-kontroll tal-Ministeru tal-Ekonomija u l-Finanzi, kif ukoll twestaq funzjonijiet katastali (proprjetà).Ir-reġistri jformu informazzjoni dwar kuntratti ta' trasferiment ta' pussess u dwar drittijiet oħra dwar l-art, kif ukoll dwar l-istabbiliment u t-tħassir ta' ipoteki. Barra minn hekk, il-**Provinċja ta' Trento u Bolzano**, li hija awtonoma, iżomm ir-reġistru tagħha stess. Din tforni l-aktar **informazzjoni katastali** (proprjetà).

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Taljan huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess għar-reġistri huwa soġġett għall-ħlas ta' taxxa. Għaldaqstant, il-proċedura għall-aċċess onlajn teftieg ir-reġistrazzjoni minn qabel mas-servizzi finanzjarji onlajn tal-Poste Italiane (is-Sistema Postali Taljana).

Ir-reġistru tal-Provinċja ta' Trento u Bolzano huwa aċċessibbli biss għall-utenti **reġistrati**.

Kif tagħmel tiftixa fir-reġistru tal-artijiet Taljan

L-informazzjoni li tinżamm fir-reġistri tal-artijiet hija organizzata skont is-suġġett (persuna fiżika jew legali). Tista' tftitex l-informazzjoni skont il-persuna, il-proprjetà jew il-kuntratt.

L-istorja tar-reġistru tal-artijiet Taljan

Il-kompjuterizzazzjoni tal-informazzjoni reġistrata bdiet fl-1986. Wara riorganizzazzjoni kbira fil-Ministeru tal-Finanzi, il-katast u r-reġistri tal-artijiet tal-Italja ġew integrati taħt amministrazzjoni waħda, u t-trasferiment elettroniku beda fl-1995. L-aħħar riforma komprensiva fl-amministrazzjoni finanzjarja stabbiliet erba' aġenziji fiskali awtonomi (inkluż l-Agenzia del Territorio, li ilha topera mill-1 ta' Jannar 2001). Il-kompjuterizzazzjoni tas-servizzi żdiedet, li wasslet għas-sistema ta' informazzjoni elektronika li hemm bħalissa, li tnediet fil-bidu tal-2007.

L-aħħar aġġornament: 18/01/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabieq tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.